**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 83/2021 RM**

**Conrad Borg Manche' (K.I. 510780M)**

**-Vs-**

**Jeremy Cardona (K.I. 82089M)**

**Illum, 19 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Conrad Borg Manche' fir-Reġistru fit-12 ta' April 2021 fejn talab illi previa dikjarazzjoni li f'okkażjonijiet matul dan l-aħħar żmien u partikolarment fit-13 ta' Marzu 2021 u fis-16 ta' Marzu 2021, permezz ta' posts mtella' fuq s-sit ta' medja soċjali Facebook, liema kontenut jista' jiġi aċċessat minn kullħadd liberament u li jikostitwixxi mezz li bih kliem jew immaġini viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti, bil-ħsieb li jagħmel ħsara lir-rikorrent u li jtelliflu gieħu, l-intimat wettaq malafama u/jew libell u/jew inġurja gravi fil-konfront tal-istess rikorrent u dan billi inter alia, bl-aktar mod intervier

akkużah li jitkellem 'bid-dagħa u kliem ħażin' waqt il-laqgħat tal-Kunsill u dan kif jirriżulta aħjar mid-dokumenti annessi

Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent dik is-somma li jogħġobha tistabbilixxi din il-Qorti in linea ta' danni attwali u morali għall-malafama gravi subita u dan a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta, liema somma ma taċċedix il-ħmistax-il elf Euro (€15,000).

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat, li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenut Jeremy Cardona fid-19 ta' Mejju 2021 fejn eċċepixxa :-

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda:*

*(i) Billi tali pubblikazzjoni ma tikkawzax 'hsara serja' li-reputazzjoni tar-rikrrenti; u*

*(ii) Minghajr pregudizzju ghall-premess, billi l-pubblikazzjoni tammonta ghal-fair comment dwar fatti sostanzjalment veri.*

Rat id-digriet mogħti fl-20 ta' Mejju 2021 li permezz tiegħu ordnat lill-partijiet jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 10 tal-Kap. 579 liema process kellu jiġi konkluż fi żmien tliet xhur;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Lulju 2021 fejn estendiet it-termini għall-konklużjoni tal-proċeduri ta' medjazzjoni b'terminu ieħor ta' tliet xhur b'żieda mat-terminu oriġinali;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Ottubru 2021 fejn estendiet it-termini għall-konklużjoni tal-proċeduri ta' medjazzjoni b'xaharejn oħra;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn iddeċidiet li m'hemmx lok li jitkompla l-proċess ta' medjazzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawża bis-smigħ tal-provi quddiemha;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2023;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jimpunja żewġ *posts* ippubblikati fuq paġna fuq Facebook fit-13 ta' Marzu 2021 u fis-16 ta' Marzu 2021.

Fit-13 ta' Marzu 2021, il-konvenut ippubblika s-segwenti stqarrija:-

*"B'referenza ghall-informazzjoni skoretta li qed joħrog is-sindku fuq facebook, aħna l-Kunsillieri Nazzjonalisti qatt ma tlabna li f'dan iz-zmien isiru laqghat fil-Kunsill biss. Wara li kien hemm talba minn uħud mill-Kunsillieri Nazzjonalisti u anke minn uħud mill-Kunsillieri Laburisti sabiex laqgħat isiru fil-Kunsill, ahna l-Kunsillieri Nazzjonalisti ressaqna proposta sabiex il-Kunsillieri jkunu jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kunsill billi jew jattendu virtwalment jew inkella jmorru fl-Ufficcju tal-Kunsill. Din il-proposta saret tlett gimghat ilu meta dan il-pajjiz ma kienx fil-krizi li qiegħed illum.*
*Li ghandu jgħid is-Sindku huwa l-mod kif imexxi l-laqghat tal-Kunsill billi fost l-ohrajn jgħid kemm il-darba tkellem bid-dagha u kliem ħazin, ghaliex il-Kunsill ilu*

*xhud ma jxandarx il-laqghat skont kof titlob il-ligi u minkejja l-insistenza tagħna bqajna niġu njorati u għaliex ghal xhur sħaħ, il-Kunsill Lokali baqa ma jhallasx kontijiet tal-Lesa ghal servizzi tal-gwardjani lokali liem flus gew miġbura mill-Kunsill Lokali u kellu jkun propju bl-insistenza tagħna li dawn il-flus dovuti lil haddiehor jithallsu.*
*Ikun iktar floku li minflok is-Sindku jibqa jattakka lill-Kunsillieri Nazzjonalista u jgħid kemm jipprova jaħdem maghna, jieqaf jgħajjar lil sħabu l-Kunsillieri Laburisti waqt il-laqghat tal-Kunsill sabiex forsi fil-Kunsill tal-Gzira tibda tirrenja l-ghaqda u kull kunsillier jitħalla jaħdem għall-gid tal-lokalita"*

Id-dikjarazzjoni pubblikata fis-16 ta' Marzu 2021 tirriproduċi bi prominenza silta mill-*post* tal-konvenut tat-13 ta' Marzu 2021, ċioe' "*Li Għandu Jgħid is-Sindku hu l-Mod kif Imexxi l-Laqgħat fejn kemm-il darba tkellem bid-dagħa...*", liema silta ngħatat bħala titolu ta' pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku stradarjali.com.[1]

Il-pubblikazzjoni tal-konvenut li qed tiġi impunjata f'din il-kawża, jidher li saret b'rejazzjoni da parti tal-istess konvenut, li huwa Kunsillier tal-Partit Nazzjonalista fil-Kunsill Lokali tal-Gżira, għal xi informazzjoni allegatament mhux korretta li ġiet pubblikata mill-attur – is-Sindku Laburist tal-Kunsill Lokali tal-Gżira – in konnessjoni mal-attendenza fiżika jew virtwali tal-Kunsilliera għal-laqgħat tal-istess Kunsill Lokali.

Il-konvenut filwaqt li ppubblika stqarrija biex jikkjarifika l-pożizzjoni tal-Kunsilliera Nazzjonalisti fil-Kunsill dwar din il-materja, ilmenta wkoll bil-fatt illi l-Kunsill ma għadux ixandar il-laqgħat permezz ta' *live streaming* biex il-pubbliku jista' jsegwi dak li jkun qed jiġri fil-laqgħat.  Huwa attribwixxa dan in-nuqqas għall-mod kif l-attur, is-Sindku, imexxi l-laqgħat, fejn allega li huwa ġieli jitkellem bid-dagħa u kliem ħażin u jgħajjar ukoll lil sħabu Kunsilliera Laburisti.

[1] Ara paġna 4 tal-atti tal-kawża.

Hu evidenti minnufih minn din il-pubblikazzjoni illi bejn il-Kunsilliera Nazzjonalisti u s-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gżira, teżisti nuqqas ta' għaqda u armonija kif ukoll animosita'. Skont il-konvenut, din is-sitwazzjoni hi riżultat tal-imġieba tal-attur waqt il-laqgħat tal-Kunsill.

L-attur Conrad Borg Manche' fix-xhieda tiegħu, sostna illi kemm ilu jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gżira, għall-aħħar seba' snin, dejjem mexxa l-laqgħat bl-aħjar mod possibbli u l-poplu dejjem baqa' juri l-fiduċja tiegħu fih. Innega li jmexxi dawn il-laqgħat bl-użu ta' dagħa u kkonferma li qatt ma ġie mressaq fir-rigward, quddiem il-bord tad-dixxplina li jissanzjona membri eletti tal-Kunsill u lanqas qatt ġie mitlub iwieġeb għall-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut. Ikkonferma wkoll li meta l-konvenut ġie elett fil-Kunsill, fl-istess leġislatura fejn ġie elett hu wkoll, huma kellhom relazzjoni tajba u kienu jikkollaboraw flimkien u jaħdmu id f'id mal-kunsilliera l-oħra kollha. Iżda fit-tieni leġislatura, dik korrenti, bdew il-problemi bejniethom għaliex skont l-attur, il-konvenut sar *minority leader* u din il-pożizzjoni l-ġdida telgħetlu għal rasu bil-konsegwenza illi nibtet ċertu animosita' waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Sostna wkoll illi mhux minnu li l-laqgħat tal-Kunsill ma kienux qed jixxandru jew li ma kienux qed isiru b'mod virtwali, partikolarment matul iż-żmien tal-pandemija tal-Covid 19, għalkemm stqarr li ġieli l-laqgħat ma setgħux jixxandru *live* minħabba f'xi diffikoltajiet tekniċi.

Mix-xhieda tal-attur, il-Qorti fehmet li huwa ħassu aggravat bid-dikjarazzjoni tal-konvenut li huwa jmexxi l-laqgħat bid-dagħa. Ma semma ebda imputazzjoni oħra li saret fil-pubblikazzjoni impunjata, li skont hu hija diffamatorja fil-konfront tiegħu. Lanqas fisser ir-raġuni l-għala ħassu aggravat jew x'effett kellha din l-imputazzjoni kellha fuq ir-reputazzjoni tiegħu. Kemm hu hekk, fix-xhieda tiegħu ikkonferma li ħadd qatt ma kellmu dwar dak li ġie mistqarr pubblikament mill-konvenut u ma ttieħdu ebda passi dixxiplinari fil-konfront tiegħu fil-forum stabbilit.

L-attur minflok, ressaq bħala xiehda kunsilliera kollegi tiegħu[2] fil-passat, li kienu jkunu preżenti waqt il-laqgħat tal-Kunsill Lokali tal-Gżira, biex jikkonfermaw li huwa dejjem mexxa l-laqgħat tal-Kunsill b'mod professjonali u b'rispett u qatt ma raw xejn ħażin jew semgħu xi dagħa jew kliem ħażin da parti tiegħu matul dawn il-laqgħat[3], b'esklużjoni tal-laqgħa tat-23 ta' Frar 2023 li fiha inqalgħet ġlieda bejn is-Sindku u kunsillier fejn l-attur tkellem bid-dagħa u uża kliem ħażin[4].

Da parti tiegħu, il-konvenut fix-xhieda tiegħu fisser kif l-attur matul il-laqgħat tal-Kunsill ta' spiss jgħajjat u jsabbat, kif ukoll jgħajjar, jirredikola u jitkellem b'mod arroganti u jsir verbament aggressiv ma' kull min ma jkunx jaqbel miegħu. Il-konvenut ressaq ukoll żewġ xiehda[5] li wkoll affermaw li matul il-laqgħat tal-Kunsill, l-attur ġab ruħu bil-mod deskritt mill-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata.

Hawnhekk il-Qorti trid tagħmilha ċar illi f'azzjoni għal malafama u fin-nuqqas ta' eċċezzjoni tal-verita' sostanzjali tal-istqarrijiet impunjati, m'huwiex il-kompitu tagħha tiddeċiedi jekk il-konvenut ippubblikax il-verita' jew li l-imputazzjonijiet li saru fil-pubblikazzjoni humiex sostanzjalment veri. L-istħarriġ tal-Qorti għandu jkun immirat għad-determinazzjoni dwar jekk l-imputazzjonijiet impunjati humiex diffamatorji għall-persuna aggravata u, kif inhu risaput, mhux kull pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni inveritiera hija neċessarjament ukoll malafamanti. Għalhekk, anke jekk tassew mhux minnu li l-attur jmexxi l-laqgħat tal-Kunsill bl-użu ta' kliem ħażin jew dagħa, dan ma jfissirx neċessarjament li l-istqarrija pubblikata mill-konvenut hija diffamatorja. L-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jiddisponi li stqarrija m'hijiex diffamatorja sakemm ma tikkawżawx ħsara serja jew tkun tista' tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tagħmel it-talba u dan allura, irrispettivament mill-veraċita' o meno tal-istqarrija impunjata.

---

[2] Anthony Attard, xhieda tas-27 ta' Ġunju 2022, u Wayne Hewitt, xhieda tal-14 ta' Diċembru 2022.
[3] Jiġi osservat illi Anthony Attard kien jattendi l-laqgħat tal-Kunsill Lokali tal-Gżira bejn is-sena 2016 sal-aħħar tal-2020 jew Jannar 2021. Wayne Hewitt kien Kunsillier bejn is-snin 2015 u 2019.
[4] Ara xhieda Anthony Attard, 4 ta' Mejju 2023.
[5] Shaun Farrugia u Alexander Calleja Zammit.

Ir-rekwiżit ta' ħsara serja huwa fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama, stipolat mill-imsemmi artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Dan ir-rekwiżit ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-success ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248). Jingħad ukoll li dan il-kriterju m'huwiex marbut mal-*quantum* tad-danni likwidabbli f'każ li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, iżda huwa relevanti esklussivament għas-suċċess tal-azzjoni u l-azzjonabilita' tal-allegat malafama, u sabiex jiġi determinat jekk l-istqarrija impunjata għandhiex titqies bhala diffamatorja jew le għall-finijiet tal-Att.

Collins josserva:-

"*Clearly enough, therefore, the focus of section 1*[6] *is upon the degree of probability that the publication of a defamatory statement will cause actual harm to the reputation of the claimant, rather than the mere tendency of the statement so to do. It is the potential effect of the publication of the statement on the reputation of the particular claimant that is relevant. ... Ordinarily ... the word 'likely'*[7] *means 'probably', or 'more likely than not'.*"

Bħala prinċipju ġenerali, l-imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibbilment involut sa ċertu grad, f'attivita` illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins[8], imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*", huma kkunsidrati bhala diffamatorji. Iżda jinsab ritenut in materja illi imputazzjoni ta' sempliċi ksur ta' *etiquette* m'hijiex diffamatorja.

---

[6] L-ekwivalenti fid-Defamation Act (2013) UK, għall-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

[7] Il-kelma '*likely*' tintuża wkoll fil-verżjoni bl-Ingliż tal-artikolu 3(4) tal-Kap. 579; bil-Malti "... *ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja...*"

[8] ***Collins on Defamation*** (2014 Ed.), 6.10 p. 117.

Fil-każ **Angel v H.H. Bushell & Co Ltd**[9], l-allegazzjoni kienet li l-persuna aggravata ma kienetx "... *conversant with business ethics*". Ġie ritenut[10] li teżisti "*a very real difference between an allegation of failure to comply with etiquette and a failure to conform with ethical standards, and it is the latter imputation which, in my view, is made by this letter. Ethics involve a moral standard, and, in my judgment, a breach of ethics connotes at a minimum dishonourable behaviour".*

Intqal ukoll illi "*At any rate, it seems clear that one can draw a distinction between mere breaches of etiquette on the one hand and breaches of professional ethics or codes of conduct on the other: the latter are actionable even if the former are not*."

Il-Qorti tifhem illi matul il-laqgħat ta' Gvern lokali fejn ikun hemm preżenti kunsilliera miż-żewġ partiti politiċi ewlenin, inevitabbilment jidħol element ta' politika partiġjana u xi kultant animosita' bejn il-kunsillieri mill-partiti politiċi differenti, kif del resto rikonoxxa l-attur fix-xhieda tiegħu. *Multo magis* meta jkun qed jiġu diskussi materji importanti jew kontroversjali, per eżempju l-allokazzjoni u infiq tal-fondi pubbliċi u pagament ta' djun pendenti, fejn wieħed jista' raġjonevolment jistenna dibattiti mqanqla u voċiferużi li wara kollox huma karatteristiċi tal-arena politika f'Malta li hija maħkuma mill-partiġjaniżmu anke sfortunatament fuq livell ta' Gvern Lokali.

Fil-fehma tagħha, l-ilmenti pubbliċi ta' kunsillier dwar għajjat u kliem ħażin u imġieba mhux daqshekk istruwita jew dekoruża da parti tas-Sindku tal-partit politiku oppost waqt laqgħat amministrattivi tal-Kunsill, ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji għaliex ma jikkostitwixxux attakki fuq il-kondotta morali jew l-istandards morali tas-Sindku jew fuq il-kompetenza tiegħu għall-kariga, u żgur ma jitnissilx imputazzjoni ta' kondotta illegali, immorali jew mhux etiku jew imputazzjoni ta' diżonesta', żlealta' jew ipokrisija.

---

[9] [1968] 1 QB 813.
[10] Milmo J.: 825G – 826A.

Il-Qorti ma tirravviżax f'allegazzjoni li persuna politika f'laqgħat pubbliċi mmexxija minnu, jitkellem b'mod goff, juża id-dagħa u kliem ħażin, imputazzjoni li tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni ta' dak li jkun, għaliex il-persuna ordinarja u raġjonevoli żgur li ma tistennix il-perfezzjoni u qdusija mingħand is-Sindku għal dak li għandu x'jaqsam ma' kondotta u kliem użat matul il-laqgħat amministrattivi fuq livell ta' Gvern lokali bejn membri tal-Kunsill min-naħa opposta tal-isfera politika. Ma taqbilx lanqas illi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati għandha tkun imfissra abbażi tar-rejazzjonijiet ta' membri tal-pubbliku li jkunu kkummentaw dwar il-pubblikazzjoni. It-tifsira diffamatorja m'hijiex stabbilita mir-rejazzjonijiet tal-pubbliku għall-pubblikazzjoni impunjata iżda permezz ta' eżerċizzju li jistabbilixxi x'inhi l-imputazzjoni li raġjonevolment titnissel u tinftiehem minn persuna ordinarja u raġjonevoli li jaqra l-pubblikazzjoni mingħajr għarfien ta' fatti speċjali u estrinsiċi li ma jirriżultawx mill-pubblikazzjoni nnifisha. Għalhekk il-fatt illi ċertu Claude Scerri esprima l-fehma illi l-attur lanqas għandu "*leadership skills*"[11] mhuwiex relevanti biex jiġi determinat l-imputazzjoni li twassal l-istqarrija tal-konvenut.

Fir-rigward jinghad:- "*As the test is an objective one, evidence as to how a statement was actually understood by its recipients is irrelevant in determining the imputation or imputations conveyed by the statement and thus inadmissible. What the publisher intended to convey by the statement is equally irrelevant in determining the imputations in fact conveyed.*"[12]

Fl-istharrig tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx l-imputazzjoni li l-persuna aggravata tqis li huwa diffamatorju fil-konfront taghha, ghandu jigi stabbilit jekk persuna ordinarja u ragjonevoli ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaci tifhem dik l-istqarrija bhala wahda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. Fost il-principji applikabbli ghad-determinazzjoni ta' jekk stqarrija hijiex kapaci twassal l-imputazzjoni impunjata, id-deċiżjoni ċelebri **Jeynes v News Magazines Ltd** elenka s-segwenti:-

---

[11] Ara wkoll kumment ta' ċertu Anthony Cardona, paġna 3 tal-atti tal-kawża.
[12] **Baturina v. Times Newspapers Ltd** [2011] EWCA Civ. 308.

"*(1) the governing principle is reasonableness (2) the hypothetical reasonable reader is not naïve but he is not unduly suspicious. He can read between the lines. ...* ***but he must be treated as being a man who is not avid for scandal and someone who does not, and should not, select one bad meaning where other non-defamatory meanings are available*** *... (4) the intention of the publisher is irrelevant. (5) The article must be read as a whole ... (8)* ***It follows that it is not enough to say that by some person or another the words <u>might</u> be understood in a defamatory sense****.*"[13] (emfasi ta' din il-Qorti)

Inddubjament l-allegazzjoni li Chairman tal-Kunsill matul il-laqgħat tal-Kunsill juża xi kliem ħażin jew dagħa u jgħajjar lill-kollegi tiegħu, tnissel imputazzjoni ta' nuqqas ta' korteżija u ta' etiketta da parti tiegħu, iżda ma tnissilx imputazzjoni nuqqas ta' kompetenza fit-tmexxija u ma tiskreditax lill-attur fil-karattru morali tiegħu u l-kapaċitajiet tiegħu li jmexxi Kunsill Lokali u jaħdem għall-ġid tal-lokal u r-residenti tiegħu. Fi kliem ieħor, ħadd mhu ser jqis lill-attur f'dan il-każ, b'inqas stima għaliex jirrabja u juża kliem ħażin waqt il-laqgħat tal-Kunsill, jew għaliex jitkellem b'mod arroganti u jkun iebes ma' min ma jaqbilx mal-pożizzjoni tiegħu.

Fil-fatt, Lord Atkins, fil-każ ċelebri **Sim v. Stretch**[14] għamilha ċar illi "*exhibitions of bad manners or discourtesy were not to be placed on the same level as attacks on character.*"

Dan qed jingħad ukoll għaliex allegazzjoni dwar imġieba bħal din trid tittieħed fil-kuntest fejn qed jiġi allegat li sseħħ, ċioe' waqt diskussjonijiet li wieħed jistenna li jkunu ftit jew wisq imqanqlin u karatterizzati minn nuqqas ta' qbil bejn uħud mill-Kunsilliera, x'aktarx xprunat minn veduti politiċi opposti u fejn huwa għalhekk raġjonevolment mistenni l-użu ta' kliem mhux daqshekk istruwit u pulit. Tant hu hekk illi Anthony Attard li kien ikun preżenti fil-laqgħat kollha tal-Kunsill Lokali tal-Gzira

[13] [2008] EWCA.
[14] 1936, 2 All. E.R. 1237.

u ta' Tas-Sliema fuq perijodu ta' diversi snin, rispettivament, xehed illi ma jiftakarx "*f'tnax-il sena seduta li tgħid li kollha kemm hi kordjali*". Ukoll, minn qari tal-istqarrija sħiħa pubblikata mill-konvenut, hija faċilment identifkabbli xejra ta' animosita' bejn il-konvenut u l-attur, animosita' li ġiet affermata miż-żewġ partijiet fix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti.

Il-Qorti tqis illi dikjarazzjonijiet dwar l-istandards ta' imġieba ta' persuna pubblika waqt laqgħat amministrattivi ta' Gvern lokali, fejn jiġi allegat li l-istandard ta' din l-imġieba ma jilħaqx il-livelli mixtieqa ta' kordjalita' u jew korrettezza, ma humiex materji li jekk mistqarra pubblikament - iktar minn hekk minn kunsillier tal-partit politiku tal-kamp oppost li miegħu teżisti *ex admissis* retroxxena ta' animosita' - huma kapaċi jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna.

Intqal in propositu illi "*... right-thinking members of society, for example, may understand attacks by politicians on one another, not imputing some base, dishonourable or dishonest motive or hypocrisy, to be fair game in the context of the modern political struggle.*"[15]

Dan qed jingħad ukoll għaliex ir-reputazzjoni ta' persuna pubblika bi rwol ukoll fuq livell politiku hija kalibrata mill-pubbliku in ġenerali mill-isforzi tal-persuna li jifhem, jaħdem u jirrappreżenta attivament u effettivament l-interessi li ġie elett li jirrappreżenta - f'dan il-każ tal-Kunsill Lokali tal-Gżira - u r-riżultati miksuba għall-ġid tal-kostitwenti. Għalkemm l-allegazzjoni ta' użu ta' kliem baxx u tgħajjir da parti tal-attur lejn membri oħrajn tal-Kunsill waqt laqgħat tal-istess Kunsill, tikkostitwixxi kritika negattiva tal-istandards tal-etiketta u ta' korteżija tiegħu u twassal imputazzjoni li l-attur iġib ruħu b'ċertu nuqqas ta' rispett jew ċivilta' lejn il-kollegi tiegħu kunsilliera, din ma attribwiet l-ebda nuqqas ta' kapacita` jew kompetenza lill-attur fir-rwol politiku u pubbliku tiegħu[16]. Għalkemm tassew l-attur seta' ħassu offiż bid-

[15] Ara **Waterson v. Lloyd** [2013] EWCA Civ. 136, paras. 42, 66.

[16] Fid-deċiżjoni fil-każ Ecclestone v. Telegraph Media Group Ltd (2009) EWHC 2779 (QB) intqal hekk: "*I do not think it could be seriously suggested that it is defamatory of someone to say, without more, that they were dismissive or showed a lack of respect to those individuals, however well-respected they may be*". – para. 20

deskrizzjoni tal-konvenut dwar l-imġieba mhux xierqa tiegħu waqt laqgħat tal-Kunsill Lokali, imputazzjoni bħal din ma twassalx ghal "*a loss of standing in some respect ... on the part of right-thinking members of society generally*"[17]. L-attur mhux qed jiġi addebitat jew assoċjat ma' standards morali baxxi u ma' attivita` illegali jew immorali u l-imputazzjonijiet li jinsiltu mill-pubblikazzjoni impunjata ma fihomx il-propensita' li jnaqqsu l-kunfidenza jew il-fiduċja pubblika fl-attur bħala persuna fil-politika jew jiskreditawh fil-funzjoni pubblika tiegħu jew joskuraw b'mod serju l-istima tiegħu f'għajnejn il-persuni li eleġġewh u s-soċjeta` in ġenerali.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tirravvizax fl-espressjoni tal-fehma tal-konvenut li l-attur juża kliem baxx, dagħa u tgħajjir waqt il-laqgħat tal-Kunsill il-propensita' ta' xi hsara serja lir-reputazzjoni tiegħu.

Fuq kollox, il-Qorti kkunsidrat illi l-attur huwa persuna pubblika b'sehem attiv fil-politika fuq livell ta' Gvern Lokali u l-istqarrijiet tal-konvenut saru sewwasew b'rabta mal-funzjoni pubblika tiegħu bħala Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gżira u mal-mod kif jikkonduci ruhha f'dan ir-rwol. Il-punt ta' tluq huwa dejjem illi persuna pubblika ghandha taccetta margini ferm iktar wiesa' ta' kritika milli individwu privat, anke fejn jidhlu kummenti li jistghu jitqiesu bhala offensivi u huwa mistenni li jkun fil-mira ta' kritika, skrutinju u wkoll provokazzjoni mill-gurnalisti, kif ukoll mill-pubbliku in generali, b'rabta mar-rwol pubbliku u politiku tieghu.

Fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' **Feldek v. Slovakia**[18], intqal hekk in propositu:-

*74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61, ECHR 1999-IV). Moreover, **the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such***

---

[17] Collins, *ibid*., 6.29, pg. 123.
[18] App. No. 29032/95, deciz 12 ta' Lulju 2001 ECHR.

***than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance*** *(see Lingens v. Austria, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26, § 42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54).* (emfasi ta' din il-Qorti)

Miżmum ferm dak kollu kkunsidrat, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet imnissla mill-pubblikazzjonijiet impunjati m'humiex diffamatorji għall-attur ai termini tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama għaliex ma kkawżawx u lanqas ma fihom propensita' li jikkawża xi ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur f'għajnejn persuni ordinarji u raġjonevoli li jaqraw il-pubblikazzjonijiet.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tiegħu, tiċħad it-talbiet ta' CONRAD BORG MANCHE' bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**